- *responsabilita` ta' lukandier lejn il-mistidnin fil-lukanda tiegħu li jipprovdi ambjent sikur – responsabilita` għal dak li jagħmel sub-appaltatur jew impjegat*
- *relazzjoni kuntrattwali mal-alloġġjat*
- *Art 1037 - culpa in eligendo ma tapplikax għal relazzjonijiet kuntrattwali*
- *Differenzi fil-piż u xorta tal-prova li trid tingħata rispettivament Fil-każ ta' kulpa li ssarraf fi ksur kuntrattwali u ta' kulpa extra-kuntrattwali*

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rik. Ġur. 1270/2010 GM**

**Nigel Mallett ID 238202L**

**vs**

**Dolmen Complex Limited**

**Seduta tal-28 ta' Marzu, 2019**

Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-inċident li seħħ fl-14 ta' Novembru 2008 ġewwa id-Dolment Resort Hotel, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar, u li kawza tiegħu l-atur weġġa', seħħ tort tas-soċjeta` konvenuta minħabba n-

negliġenza, imprudenza, nuqqas ta' kura u/jew ksur ta' regolamenti waqt li kien qed jinżamm is-seminar.

2. Tiddikjara li s-soċjeta` konvenuta hija responsabbli għad-danni sofferti mill-attur Nigel Mallett.

3. Tillikwida l-istess danni sofferti minn Nigel Mallett, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta għall-ħlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-imgħax mid-data tan-notifika tar-Rikors Ġuramentat u bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-12 ta' Frar 2009 kontra is-soċjeta` konvenuta li ġiet inġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet li:

1. Preliminarjament is-soċjeta` esponenti ma hijiex il-leġittimu kontradditur fil-kawza odjerna u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi l-qsari fl-intern tad-Dolmen Resort Hotel ma kenux jiġu kkurati u msaqqija mis-soċjeta` esponenti jew mill-impjegati tagħha fiz-zmien in kwistjoni;

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, is-soċjeta` esponenti mhijiex responsabbli għal kwalunkwe danni li setgħa sofra r-rikorrent peress illi is-soċjeta` esponenti dejjem qabbdet nies u ditti ta' ħila u anke peress illi is-soċjeta` esponenti dejjem wettqet is-sorveljanza rikjesta fil-liġi fir-rigward ta' dawk in-nies u ditti imqabbdin minnha;

3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit f'kwalunkwe kaz il-grad ta' disabilita` permanenti li allegatament sofra ir-rikorrent tort tal-allegat inċident huwa ferm ezagerat;

Rat l-atti tal-kawża u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-fatti**

Illi l-attur, impjegat bħala IT Manager mal-Universita` ta' Malta, kien fid-Dolmen Resort Hotel, ġestita mis-soċjeta` konvenuta, jipprovdi għajnuna teknoloġika għal konferenza orġanizzata mill-Fakulta` tal-Edukazzjoni. L-attur isostni li, huwa u nieżel it-taraġ fil-brejk, żelaq fuq ilma li kien ġej mill-qsari fl-istess taraġ, u korra. **Alex Pace**, General Manager tal-lukanda, xehed li s-soltu t-taraġ jaħsluh filgħodu qabel jiġu n-nies, u jpoġġu sandwich boards sofor biex jiġbdu l-attenzjoni tal-klijenti u l-ħaddiema. X'ġara dakinhar ma jafx għax ma kienx hemm. Dakinhar kien hemm duty manager Norbert Fenech li xogħolu kien jissorvelja l-*public areas*.[1] **Jonathan Mallia**, *front office manager* ma kienx jaf bl-inċident qabel ma waslet l-ambulanza wara l-bieb. Skontu, dakinhar ma sar l-ebda rapport dwar ilma fl-art. Il-lukanda kellha sistema li appena jsir rapport bħal dan lill-front office, jitqabbdu mill-ewwel il-fattigi biex inaddfu.[2] **Mary Bonagailas**, executive house-keeper xehdet li l-*common areas* normalment jinħaslu biss billejl. Ma tiftakarx jekk sarilhiex rapport dwar spillage dakinhar tal-inċident.[3] Il-**Professur Christopher Bezzina** li mar jassisti lill-attur wara li waqa' t-taraġ jgħid li l-attur kien waqa' mill-parti ta' fuq u huwa tela' minn

[1] Fol 70
[2] fol 73
[3] fol 92

isfel parti mit-taraġ biex jagħtih l-għajjut. Ma rax ilma, la dak il-ħin u lanqas meta niżel it-taraġ f'xi ħin qabel.[4] Jgħid iżda li "moħħi kien fuq is-saħħa tas-Sur Mallet"[5]. **Miriam Theuma, impjegata tal-Universita`,** xehdet li "konna qegħdin l-ewwel fis-sala ta' fejn qegħedha ssir il-konferenza u l kien sari l-ħin tal-lunch break. Kienet fl-ewwel sular. Il-break kien isfel. Fil-fatt meta toħroġ mis-sala, tinsel mit-taraġ u tidħol għar-restorant. Meta konna niżlin kien hemm ħafna ilma, kemm fuq il-landi kif ukoll ilma jċarċar għal barra.[6] Minħabba l-fatt li l-ilma kien jidher ħiereġ mill-ġjanti msemmija. Kien evidenti għalija illi jiena, fil-fatt, kont mort għand ir-*reception* biex jibgħatu lil xi ħadd ħalli jimsaħ dan l-ilma. Kien granit u in fatti kien ħafna slippery. Ebda notice li tgħidlek li l-art hija mxarrba. Ir-reception kien qalli 'owkej, issa nieħdu ħsiebha'[7];

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta għalhekk bħala fatt li l-attur żelaq fit-taraġ li kien imxarrab bl-ilma u jiżloq; u li per konsegwenza ta' dan weġġa'. Iċ-ċirkostanza li qabel l-attur għaddew nies oħrajn u ma weġġgħux, u li l-Professur Christopher Bezzina ma nnutax li kien hemm l-ilma, ma jfissirx li ilma ma kienx hemm. Il-Qorti tistrieħ fuq ix-xhieda ċara u tonda ta' Miriam Theuma, xhud li m'għandha l-ebda interess f'dan il-każ u li mhux biss innutat l-ilma imma ħasset il-ħtieġa li tmur tirrappurtaħ biex jiġi evitat il-periklu.

Ikkunsidrat:

---

[4] fol 168
[5] affidavit a fol 22
[6] enfażi miżjuda mill-Qorti
[7] xhieda viva voce a fol 56.

**Responsabilita`**

Illi l-lukandier li jilqa' l-klijenti fi ħwejjġu jkun obbligat li jipprovdilu ambjent sikur bħala korrispettiv għall-ħlas li jirċievi. Il-ksur ta' din l-obbligazzjoni hija għalhekk waħda kuntrattwali. Kif sewwa ppronunzjat ruħha din il-Qorti, diversament ippreseduta, f'**Cassar Pullicino v Xuereb**:

"In effetti l-lukandier jista' jinstab ħati għad-dannu li jiġi kkawżat minħabba l-ħtija tiegħu min-nuqqas ta' diliġenza fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu…

"Din il-pożizzjoni li tidher li hi adoperata wkoll fl-Italja tant li l-ġurista **Galgano**, fit-trattat tiegħu, ***Diritto Privato*** (para. 30.4 pg.553) jgħid, "*Il principio e` quello secondo il quale l'imprenditore che, per eseguire la propria prestazione, deve ospitare i clienti nei locali dell'impresa, e` tenuto a predisporre una organizzazzione idonea a garantire l'integrita` e la sicurezza, oltre che della persona del cliente, anche dei beni che egli porta con se`*.

"Jidher ċar għalhekk li r-responsabbilita` prinċipali tal- lukandier fil-konfront ta' l-alloġġjat hija dik derivanti mill-kuntratt li hemm eżistenti bejniethom – fejn l-alloġġjat jitlob li jiġi reż lilu servizz mill-lukandier u l-lukandier jobbliga ruhu li jagħti tali servizz bil-mod korrett. Għaldaqstant billi r-rabta ġuridika bejniethom hija dik kontrattwali, ħsara kkaġunata minn inadempjenza ta' tali obbligu tagħti lok għall-azzjoni għad-danni fuq bażi ta'

responsabbilita` kontrattwali…"[8]

Illi l-kawża msemmija fl-ismijiet **Cassar Pullicino v Xuereb** ġiet miftuħa f'ċirkostanzi li għandhom ċertu xebħ mal-fattispeċje tal-każ preżenti: l-attriċi u zewgħa bħala sidien ta' *timeshare* ġew alloġġjati fis-Sunny Coast Resort Club fil-Qawra. Waqt li l-attriċi kienet miexja viċin is-*swimming pool* tal-lukanda, żelqet u waqgħet mal-art, bil-konsegwenza li sofriet ġrieħi personali ta' natura gravi. L-aċċident kien imputabbli lis-socjeta` konvenuta peress li din ma ħaditx hsieb tassigura li l-*area* madwar is-*swimming pool* tkun *safe* għan-nies li jużaw dik l-*area*;

**Ħtija ta' sub-appaltatur**

Fl-istess sentenza tal-ewwel Qorti ta' **Cassar Pullicino v Xuereb**, intqal ukoll li "l- kontradittur tal-azzjoni attriċi għandha tkun is-socjeta` Ta' Kella Limited, illum magħrufa bhala Holiday Resort Limited, għax hija din li taccetta t-turisti u tidhol f'relazzjoni magħhom b'obbligu li tagħtihom l-*amenities* u s-servizzi li jkunu ntitolati għalihom. Il-fatt li dan ix-xogħol tagħmlu *tramite sub-contractor* (Suncrest Limited) m'għandux jinteressa lill-attriċi li kkuntrattat biss mas-socjeta` Holiday Resort Limited. Ovvjament, is- socjeta` Suncrest Limied, bhala *sub-contractor*, trid twieġeb għall-egħmil tagħha lil Holiday Resort Limited, u jekk din tal-aħħar, minħabba xi nuqqas tal-operatur, tinsab responsabbli fil-konfront tal-attriċi għall-incident in kwistjoni, hi jkollha dritt ta' rigress kontra l-operatur, is-*sub-contractor*";

Illi s-silta appena ċċitata twieġeb għall-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta`

[8] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ippreseduta mill-Onor. Imħallef Anthony Ellul 03.07.2003 ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-20.03.2009

konvenuta li mhix il-leġittimu kontradittur billi l-qsari li ħareġ l-ilma minnhom kienu msoqqija minn impjegati ta' The Garden Shop Nursery Limited - kuntrattur imqabbad minnha. Il-kuntratt t'alloġġ sar bejn l-attur u s-soċjeta` konvenuta. Din ir-relazzjoni baqgħet anke jekk is-servizz kollu jew partijiet minnu ngħataw minn sub-kuntrattur imqabbad minnha;

**Ingaġġar ta' nies ta' ħila**

Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, is-soċjeta` konvenuta tistqarr li dejjem qabbdet nies ta' ħila u li dejjem wettqet is-sorveljanza meħtieġa. Hija qiegħdha tiċċita favuriha l-**Artiklu 1037 tal-Kodiċi Ċivili** li jitkellem dwar ir-responsabilita` ta' min iqabbad persuna mhux ta' ħila. Dan il-provvediment tal-liġi jinstab f'parti tal-kodiċi intitolata "Fuq id-Delitti u Kważi-Delitti". Iżda kif diġa` stabbiliet din il-Qorti, f'dan il-każ hemm relazzjoni kuntrattwali. Din il-Qorti kif ippreseduta taqbel ma' dak li ġie ritenut minn din (diversament ippreseduta) u Qrati oħrajn li l-Artiklu 1037 mhux applikabbli għal danni derivanti minn inadempjenza kuntrattwali.[9]

Ikkunsidrat:

**Piż tal-prova tal-ħtija għall-akkadut**

Illi l-prova ta' l-inadempiment da parti tal-konvenuta qegħda kollha fuq l-attur, għax mhijiex aċċettabbli t-teorija professata minn xi awturi ta' pajjiżi oħrajn illi fil-ħtija kontrattwali d-debitur biss għandu jipprova li ma kienx *in culpa*, billi skont il-liġi tagħna, sew jekk il-kulpa hija kontrattwali sew jekk

[9] George Thomas Davison v Joseph Azzopardi 02.03.1962, Appell Kummerċ (Sir. Anthony Mamo, A.J. Montanaro Gauci, W.Harding) XLVI.i.477 ; Lorenzo Buttigieg v Henry Hirst 16.02.1945 (Sir George Borg, L.A. Camilleri, W Harding) XXXII.i.163 ; Saviour Farrugia v Emanuel Zahra 31.10.1996 Prim'Awla

hija akwiljana, min qiegħed jagħmel l-azzjoni tad-danni għandu jipprova li kien hemm ħtija. Jgħid l-awur fuq ċitat[10] fil- - "*Non vi sono dunque differenze tra la colpa contrattuale e la aquiliana in rapporto alla prova della colpa; la prova dei fatti generatori di diritto tocca sempre a chi li afferma, e tale prova puo` talvolta nei contratti derivare dalla sola presentazione del contratto, ma tal altra, anche nei contratti, suppone la prova di altri fatti perche` il debitore sia condannato*";

Illi l-unika differenza qegħda fil-faċilita tal-prova, għax f'materja ta' danni *ex contractu* x'minn daqqiet ikun biżżejjed li jiġi esebit il-kuntratt bejn il-partijiet, jew ppruvat l-eżistenza tal-obbligazzjoni bil-fattispeċje tagħha, mentri f'materja ta' danni *ex delicto vel quasi* l-prova tkun iżjed diffiċli għax ikun hemm bżonn ta' xhieda u ta' mezzi ta' prova biex ikun stabbilit il-fatt doluż jew kolpuż. Iżda anki fid-danni kontrattwali jista' jagħti l-każ illi l-esibizzjoni tal-kuntratt ma tkunx bizzejjed, għax ikun hemm bżonn ta' provi oħra biex tkun stabbilita r-responsabbilita`, bħall-każ ta' depożitu; biex wiehed jieħu lura l-oġġett iddepożitat hija biżżejjed l-esibizzjoni tal-kuntratt, imma jekk il-kreditur irid imur iżjed 'il quddiem u jipprova illi l-oġġett kien miżmum ħażin mid-depożitarju, għandu bilfors jagħmel din il-prova, jew almenu juri d-danni li sofra l-oġġett iddepożitat;

Illi fil-każ preżenti, l-attur ċertament ipprova dak li kellu jipprova u ċjoe` r-relazzjoni kuntrattwali anteċedenti u l-ksur tagħha: il-fatt li waqt li kien fil-lukanda żelaq fuq l-ilma fit-taraġ u weġġa'. Min-naħa l-oħra s-soċjeta` konvenuta ma rnexxiliex – għalkemm ippruvat - tressaq prova li dak li seħħ ma kienx tort tagħha;

[10] Vol. II paġ. 141

Ikkunsidrat:

**Damnum emergens**

Illi ma nġabitx prova tajba biżżejjed dwar dawn id-danni;

**Rata ta' diżabilita`**

Illi l-Qorti sejra toqgħod fuq ir-rata ta' diżabilita` permanenti ta' 6% stabbilita mill-periti perizjuri;

**Multiplier**

Illi fid-data tal-inċident l-attur kellu 54 sena. Għalhekk sejjer jiġi addottatat *multiplier* ta' 8 snin;

**Lump Sum**

Illi skont kif iddeċidiet din il-Qorti kif ippreseduta f'sentenzi oħrajn tagħha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, mhix sejjer jingħata tnaqqis minħabba lump sum payment – iktar u u iktar billi din is-sentenza qiegħdha tingħata madwar ħdax-il sena wara d-data tal-inċident;

**Lucrum Cessans**

**€23,251 x 8 x 6% = €11,160.48;**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta u :

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-inċident li seħħ fl-14 ta' Novembru 2008 ġewwa id-Dolment Resort Hotel, Triq il-Qawra, San Pawl

il-Baħar, u li kawża tiegħu l-atur weġġa’, seħħ tort tas-soċjeta` konvenuta minħabba n-negliġenza, imprudenza, u nuqqas ta' kura tagħha waqt li kien qed jinzamm is-seminar.

2. Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara li s-soċjeta` konvenuta hija responsabbli għad-danni sofferti mill-attur Nigel Mallett.

3. Tilqa’ t-tielet talba billi illikwida l-istess danni sofferti minn Nigel Mallet fis-somma ta’ **€11,160.48.**

4. Tilqa’ r-raba’ talba billi tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta għall-ħlas ta’ **€11,160.48**.

Bl-imgħax legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv u bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Frar 2009.

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca